MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Civili Numru. 687/2004/1

**John Briffa**

**vs**

**Flower Power (Sales) Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Lulju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fl-14 ta' Dicembru, 2004 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn disa' mija u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm2,953.00) rapprezentanti l-valur ta' numru ta' pjanti u l-pots taghhom liema pjanti gew depozitati ghand is-socjeta' konvenuta. Illi l-pjanti

msemmija llum il-gurnata gew distrutti peress illi l-konvenuti ma hadux hsiebhom daqs li kieku kienu taghhom.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Flower Power (Sales) Limited fejn eccepiet illi:

Illi l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur, u dan stante li l-pjanti in kwistjoni ma humiex ta’ l-attur izda tas-socjeta’ konvenuta stess;

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-kwistjoni tad-depozitu u r-responsabbilta’ relattiva tas-socjeta’ konvenuta l-Qorti trid tiddisponi mill-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta illi l-attur ma kienx il-proprjetarju tal-pjanti inkwistjoni izda kienet l-istess socjeta’ konvenuta.

Irrizulta mill-provi illi ghal habta ta’ Awissu 2001 l-attur kien impjegat mas-socjeta’ konvenuta b’paga ta’ erbghin lira (Lm40) fil-gimgha. Fit-12 ta’ Awissu 2001 il-proprjetarju tas-socjeta’ konvenuta George Sammut irrapporta lill-Pulizija li kellu suspett li l-attur kien seraq kwantita’ ta’ pjanti mill-istabbiliment tieghu.

Is-Supretendent Pio Pisani a fol 25 xehed illi flimkien mas-Sur Sammut marru ghamlu tfittxija fil-gnien ta’ l-attur fejn hemm sabu kwantita’ kbira ta’

pjanti. Flimkien maghhom kien hemm ukoll iben George, Jason li identifikaw xi whud mill-pjanti illi kienu taghhom. Dawn gew elevati u peress illi ma kien hemm imkien fejn setghu jitqieghdu u jigu mizmuma pendenti l-proceduri illi l-pulizija kienet ser tistitwixxi kontra l-attur, gie deciz illi l-pjanti li identifikaw George u Jason Sammut jinzammu taht il-kustodja taghhom sakemm tigi deciza l-kwistjoni. Ghalhekk wara illi gew ikkonsenjati lis-socjeta' konvenuta, s-Supretendent Pisani beda l-investigazzjoni tieghu, u l-ewwel li ghamel kien li talab ircevuti minghand l-attur, izda dawn ma gewx. Anzi l-attur qallu li ma kellu l-ebda ircevuta ghaliex is-socjeta' konvenuta qatt ma rrilaxxat ircevuta.

Dana kkonfermah l-attur stess quddiem din il-Qorti fejn ighid li minkejja li huwa xtara kwantita' ta' pjanti fl-ammont indikat fl-avviz, qatt ma nghata rcevuta. Veru illi gieli ghamel ptacija bejn pjanti illi jkollu hu u ohrajn illi gab minghand is-socjeta' konvenuta, izda qatt ma nghata rcevuta ghall-pjanti illi xtara. Ikkonferma illi gew istitwiti proceduri kriminali fil-konfront tieghu, izda gie liberat u l-Qorti kienet laqghet it-talba tieghu ghar-ritorn tal-pjanti, izda dan baqa' ma sarx peress li s-socjeta' konvenuta qalet li dawn il-pjanti mietu u l-attur allega illi dana sar ghaliex ma kienux mizmuma tajba.

L-attur isemmi dizgwid li kien ghaddej dak iz-zmien bejn George Sammut u ibnu Jason fejn gieli kien ihallas lil Jason u mbaghad jigi l-missier u jerga' jitolbu l-flus u vice versa u ghalhekk baqa' minghajr qatt ma nghata rcevuta. Favur l-attur hemm siehbu Henry Imbroll fejn a fol 19 jispjega in-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn George l-missier u Jason it-tifel. Jaf illi l-pjanti hallsu ghalihom u jaf ukoll illi l-attur gie arrestat u ta x-xhieda tieghu favur l-attur fil-kawza kriminali kontra l-attur. Is-Supretendent Pio Pisani fil-kors ta' din l-investigazzjoni jghid li ma kellu l-ebda

koperazzjoni mill-attur. Dejjem innega provenjenza llecita' izda qatt ma ta spjegazzjoni sodisfacenti.

Abigail Francica a fol 41 tghid illi kienet tahdem bhala *"accounts clerk"* mas-socjeta' konvenuta fi zmien li l-attur kien jahdem hemm. Kienet tinduna illi xi pjanti kienu neqsin, liema pjanti jiswew hafna flus u mal-ewwel gieha suspett fl-attur, peress illi dan kien jidhol fl-istabbiliment qabel kullhadd u kien ikun fil-postijiet minn fejn gew nieqsa l-pjanti. Francica kienet responsabbli ghas-*"sales"* flimkien ma' Ester Borg u tkompli tghid *"fi zmien li qed isemmi ma rrizultalix illi s-socjeta' konvenuta bieghet xi pjanti lill-attur u zgur mhux ta' dik il-kwalita'."* Spjegat illi xi whud mill-pjanti li ttiehdu huma rari hafna, jiswew hafna flus u mhux facli ssibhom x'imkien iehor fil-pajjiz. Irrapportat lid-Diretturi tas-socjeta' konvenuta izda ghal xi raguni ma telghetx tixhed fil-kawza kriminali kontra l-attur.

Jason Sammut *Managing Director* tas-socjeta' konvenuta xehed a fol 58 illi huwa kkonferma li l-pjanti li nstabu ghand l-attur kienu proprjeta' tas-socjeta' konvenuta u ghamel referenza ghad-dokument a fol 29 li hija l-ircevuta tal-pjanti illi gew elevati mill-pussess ta' l-attur. Spjega illi kienu marru l-Italja u gabu *"container"* pjanti ghal-lukanda partikolari, izda gabu wkoll xi pjanti zejda ghalihom. Dawna kienu ordnati u mizmuma sabiex jigu *"delivered"* lill-klijenti taghhom izda sparixxew u sussegwentement instabu fil-pussess ta' l-attur. Sammut ighid illi jaf li l-attur gieli xtara xi pjanti minghandhom u nnegozja kemm mieghu kif ukoll ma' missieru, imma qatt ma kien xtara dawk il-pjanti partikolari peress li kienu ferm identifikabbli peress illi kienu xi haga gdida ghal Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ssib illi l-attur ma rnexxielux jipprova fi grad li trid il-ligi illi l-pjanti li gew elevati mill-pussess tieghu ghal fini ta’ proceduri kriminali kienu verament tieghu. Il-fatt illi huwa gie liberat minn kawza kriminali, m’ghandha l-ebda tifsira fuq dawn il-proceduri l-ghaliex il-livell ta’ prova huwa differenti. Filwaqt illi fil-kawza kriminali l-prosekuzzjoni kellha tipprova minghajr dubbju dettat mir-raguni illi l-attur kien hati ta’ serq jew ricettazzjoni, f’dan il-kaz l-attur irid jipprova fuq bazi ta’ probabilita’ illi l-pjanti kienu tieghu. Il-Qorti ssib mal-ewwel illi l-pussess tal-pjanti ghand l-attur kien suspett mill-bidu nett, meta minkejja illi huwa jaf x’jigifieri n-negozju tal-pjanti, madankollu ma kienx kapaci jipproduci rcevuta wahda tal-pjanti illi nstabu. Terga’ u tghid dawn il-pjanti kienu ferm partikolari, rari u ngabu Malta mis-socjeta’ konvenuta ghal skop partikolari. Dawna sparixxew mill-istabbiliment tas-socjeta’ konvenuta u sussegwentement instabu ghand l-attur. Ma kien hemm l-ebda mod kif l-attur seta’ gie fil-pussess ta’ dawn il-pjanti jekk ma xtrahhomx b’mod legali minghand is-socjeta konvenuta, izda dan ma sarx. Kif xehdet Abigail Francica illi ma rrizultalhiex illi s-socjeta’ konvenuta bieghet xi pjanti lill-attur u zgur mhux ta’ dik il-kwalita’, haga li kkonferma wkoll il-*“Managing Director”* Jason Sammut.

Il-Qorti wkoll ma tistax ma tosservax illi l-paga li kellu l-attur dak iz-zmien ta’ mija u sittin lira fix-xahar ma kienx ser iwassal sabiex jixtri pjanti fl-ammont ta’ kwazi tlett elef lira li barra l-konfuzzjoni bejn ix-xhieda ta’ Henry Imbroll fejn l-ewwel ighid li jaf li l-pjanti huma ta’ l-attur, u mbaghad fl-istess nifs a fol 54 ighid illi *“l-parti l-kbira ta’ l-ammont indikat fl-avviz kwazi tlett elef lira hrigthom il-maggoranza jiena.”* Izda l-Qorti tinnota li lanqas Imbroll ma pproduca rcevuta wahda ghal dawn il-pjanti kollha li nstabu ghand l-attur. Ma hemmx dubbju illi kemm l-attur, kif ukoll Imbroll ippruvaw japprofittaw ruhhom minn xi disgwid li seta’ kien

> hemm bejn George Sammut u ibnu Jason fejn bdew iwahhlu f'wiehed u fl-iehor sabiex jiggustifikaw pussess ta' pjanti illi kellhom provenjenza llecita'. Izda l-Qorti ma ssibx illi din l-iskuza tista' tagevola lill-attur u n-nuqqas ta' produzzjoni ta' rcevuti hija materjali hafna ghal dan il-kaz biex il-Qorti tkompli tissoda fil-fehma taghha illi l-pjanti gew fil-pussess ta' l-attur b'mod illecitu. Ghalhekk la l-attur ma ppruvax fi grad li trid il-Ligi illi l-pjanti kienu legittimament tieghu, quindi l-Qorti ma tistax tilqalu t-talba.
>
> Kif qalet il-kawza fl-ismijiet Dr H Lenicker vs J Camilleri deciza mill-Prim Awla fil-31 ta' Mejju 1972 *".... f'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jippruva huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli."* Din il-Qorti jidhrilha illi l-provi jigjuba mis-socjeta' konvenuta huma aktar veritjeri minn dawk migjuba mill-attur u din il-Qorti ma tistax toqghod fuqhom. (Anthony Holland et noe vs John Buttigieg et, Appell 6 ta' Settembru 2006).
>
> Ghal dawn il-motivi,
>
> Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu."

L-impunjattiva ta' din is-sentenza hi mill-attur impustata fis-sens illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Huwa jilmenta li dik il-Qorti kienet ingusta mieghu meta ppenalizzatu ghax ma kellux ricevuti u meta ma hadetx in konsiderazzjoni d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali li ordna r-ritorn mis-socjeta` konvenuta tal-pjanti. Jillanja wkoll illi, almenu, l-ewwel Qorti kien messha rrivendikatlu d-dritt tieghu ghall-valur tal-qsari li kienu proprjeta` tieghu;

Il-fatti tal-kawza jidher li huma sewwa riprodotti fis-sentenza appellata u mhux il-kaz li jergghu jigu mtennija, jekk mhux forsi biex jigi sottolinejat il-punt illi t-tezi ta' l-attur appellant hi arginata fuq il-konsiderazzjoni illi l-pjanti u l-qsari li taghhom huwa qed jitlob il-versament tal-valur taghhom minghand is-socjeta` konvenuta kienu ta' appartenenza tieghu ghax hu kien gie liberat mill-imputazzjoni tas-serq fil-proceduri penali;

Jibda biex jigi registrat b' introduzzjoni illi mill-indipendenza ta' l-ezercizzju ta' l-azzjoni kriminali u dik civili skond il-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali tidderivi l-konsegwenza illi l-provi taz-zewg azzjonijiet isiru *ex integro* quddiem il-Qorti kompetenti, anke jekk il-provi f' wahda jistghu jigu konfrontati mal-provi fl-ohra ghal skop ta' attendibilita`, u s-sentenza kriminali tigi esebita fil-proceduri civili, kif hekk inhu l-kaz anke hawnhekk. Ara a propozitu s-sentenzi fl-ismijiet "**Onor. Paul Boffa *nomine et* -vs- Paul Zammit**", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Frar, 1950, "**Carmelo Camilleri -vs- Gejtu Cassar**", Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Dicembru, 1955 u "**Paolo Abela -vs- Antonio Bonnici *et nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 23 ta' Jannar, 1958;

Dejjem in tema, opportunament tajjeb li jigi registrat ukoll illi l-ezistenza tal-konflittwalita` fil-provi jista', tutt' al piu`, jaghti lok ghal dubju ragonevoli li jimmilita favur l-imputat fil-proceduri kriminali. Inversament, fil-kamp civili "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f' dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b' kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-*in dubio pro reo*". Ara "**Carmelo Farrguia -vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, 24 ta' Novembru, 1966;

Premess dan, *civiliter* hi regola logika antikissima illi f' materja ta' provi l-esigenza kardinali hi dik li min jallega jrid jipprova. In linea ta' massima fil-procedimenti civili, dan ifisser illi jispetta fl-ewwel lok lill-attur l-oneru tal-prova tal-fatti kostitutivi tad-dritt minnu pretiz bl-azzjoni tieghu. Din id-dixxiplina, imbaghad, tal-piz tal-prova issir kriterju

biex jigi regolat il-gudizzju fuq il-fatt allegat u jassisti lill-gudikant ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu;

Fil-kaz prezenti l-ewwel Qorti sabet, fuq l-esplorazzjoni taghha tal-provi istruttorji, illi l-attur naqas milli jiskarika minn fuqu dak l-oneru jew ma impenjax ruhu bizzejjed biex isostni l-allegazzjoni tieghu u tkun maghrufa l-verita`. Dik il-Qorti issenjalatlu li ma kienetx konvinta mill-asserzjoni tieghu illi huwa akkwista, b' xiri jew bi tpartit, il-pjanti, ta' certa kwalita` rara u valur, li nstabu fil-pussess tieghu. Lanqas ma kienet perswasa mill-ispjegazzjoni moghtija minnu ghan-nuqqas tal-produzzjoni tar-ricevuta relattiva;

Issa huwa veru li fl-assenza ta' ricevuta l-prova setghet issir b' mezzi ohra, sew diretti, bhal xhieda, sew indiretti, bi presunzjonijiet jew indizzji. Imma, imbaghad, wiehed jistenna dejjem li din ix-xhieda u dawn l-elementi inidzzjarji jew presuntivi jkunu rilevanti, univoci u tali li jikkonvincu. Dan fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti mhux il-kaz hawnhekk. Ibda biex, u bir-rispett kollu dovut, ix-xhieda ta' Henry Imbroll ma tistax titqies garanzija ta' attendibilita` u ta' objettivita` tad-dikjarazzjonijiet rezi minnu, meta apparentement hu wkoll issuggerit minn dak depost minnu illi hu x' aktarx "*testis in causa propria*". Dan ghaliex mentri l-attur jghid li kien hu li xtara kwantita ta' pjanti minghand is-socjeta` konvenuta, l-imsemmi xhud jiddikjara li kien hu li kien jinnegozja dan ix-xiri u hareg il-maggjor parti tal-flus. Hekk ukoll filwaqt li dan ix-xhud jghid li hu u l-attur gieli nnegozjaw il-pjanti, l-attur jistqarr li l-pjanti nxtraw ghad-delizzju u mhux ghan-negozju. Ikollu jinghad, imbaghad, illi min imkien ma gie skjarit mill-attur kif certi pjanti li ngiebu appozitament minn barra mis-socjeta` konvenuta ghal konsenja taghhom lil terzi gew fil-pussess tieghu. Kien ukoll ghal din ir-raguni illi l-ewwel Qorti ma hassetx li tista' toqghod b' affidament fuq dik l-allegazzjoni tieghu tal-provenzjenza lecita ta' dawk l-istess pjanti;

Minn dan dedott certament it-test tal-verosimiljanza ma jidherx li jiffavorixxi lill-attur appellanti. Dan anke meta l-versjoni tieghu tal-fatti titqieghed fil-mizien ta' dak il-kriterju generali tac-certezza morali ghal liema tirreferi d-decizjoni fl-ismijiet "**Eucaristico Zammit -vs- Eustrachio Petrococchino *nomine***", Appell Kummercjali, 25 ta' Frar, 1952. Meta dan huwa hekk il-kaz ma jidherx li c-censura ta' l-appellanti fil-konfront ta' l-ewwel Qorti tista' titqies gustifikata;

Finalment ghal dak sottomess mill-appellanti bit-tieni aggravju ma jidherx kif din il-Qorti tista' tilqa' l-proposizzjoni tieghu illi fis-somma minnu mitluba hemm inkluz il-valur tal-qsari li hu jghid li huma tieghu. *Ex confessis*, hu nnifsu jammetti u jaccetta illi l-valur indikat fl-Avviz "huwa tal-pjanti biss u mhux tal-*pots*". Ara xhieda tieghu a fol. 52;

Jikkonsegwi minn dan kollu illi la l-attur appellant ma gharafx jezonera ruhu mill-piz tal-provi inkombenti fuqu mhux il-kaz li din il-Qorti tilqa' t-talba tieghu tar-revoka tas-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jibqghu a karigu ta' l-attur appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------